# AĦJAR HEKK INKELLA AGĦAR

*Ta' ĠUŻE' GALEA*

F'kulma Bertu kien jiġrilu,
Ħwejjeġ kbar u ħwejjeġ żgħar,
Kelma waħda kien igħidlek:
"Aħjar hekk inkella agħar."

Meta miet, maqtugħa ġietlu
Minn xitan ikun merfugħ
Għax ta' ħajja kien ħażina,
U fl-infern ikun mitfugħ.

Fuq spallejh ix-xitan refgħu
Għall-infern fis telaq bih,
F'nofs it-triq ma' Gaspru ltaqa'
Minn ta' Bertu ħabib xiħ.

Gaspru għaraf lil ħabibu
U daħkani fis lejh dar,
"Ma tgħidlix, issa," mar qallu:
'Aħjar hekk inkella agħar!'

"Iva hekk ngħidlek," Bertu wieġeb
"Sejjer jien fuq dax-xitan
Ma stajtx jien inkun imġiegħel
Li fuq spallti narfa' 'l dan?

"Hekk għall-anqas qed jerfagħni
Dal-mingħul li sejjer bija
U mhux jiena narfa' lilu,
Biex iżidli fit-tbatija."

Jiġri mela, lilna x'jiġri
Ta' ferħ ħwejjeġ jew ta' mrar.
Ngħidu dejjem din il-kelma:
"Aħjar hekk inkella agħar".